MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Numru. 428/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond J. Borg**
**vs**
**Charmaine Grima**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Charmaine Grima ta’ 27 sena bint Godfrey Zammit u Antonia nee’ Falzon, imwielda Victoria (Ghawdex) nhar il-11 ta’ Mejju 1980 residenti 56, Triq San Martin, Zurrieq u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 10580G giet imressqa quddiemha akkuzata talli :

a) Nhar it-13 ta’ Settembru 2007 ghall-habta tal-5.30 am fi Triq Lapsi, Siggiewi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila f’arti jew professjoni taghha, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, kkagunat

griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Clayton Cassar (skond l-Artikolu 225 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, saqet vettura ta' l-ghamla Mitsubishi, mudell Pajero Junior, bin-numru tar-registrazzjoni KBD185 b' manjiera traskurata u perikoluza ;

c) Saqet l-istess vettura b' velocita' qawwija.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tissospendi lill-imputata minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 2 ta' Gunju 2009 (esebita a fol. 90 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 225, 328, 533 tal-Kodici Kriminali ;
b) Fl-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap.65 ;

Rat li waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2009, l-imputata ddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mill-avukat difensur tal-parti civili.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali maghmula mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fit-13 ta' Settembru 2007 ghall-habta tal-5.00am fi Triq Lapsi, Siggiewi fejn Clayton Cassar li kien qed jaghmel xi xoghol fl-entratura ta' ghalqa safa' milqut mill-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru tar-registrazzjoni KBD 185 li kienet sejra fid-direzzjoni ta'

Lapsi u kienet misjuqa mill-imputata Charmaine Grima u sofra griehi ta’ natura gravi fejn f’xi hin kien anki fil-perikolu tal-mewt. Mill-provi rrizulta li l-incident sehh fi Triq Lapsi, ftit metri l-boghod minn fejn hemm il-Kappella tal-Providenza, fejn Clayton Cassar kien qed jaghgen xi konkos ma’ genb it-triq. Meta dan xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 ta’ Marzu 2009 kif ukoll meta xehed quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali li saret dwar l-incident de quo[1] huwa qal li qabel ma beda’ jahdem pogga l-emergency light hdejh sabiex ikun jista’ jara x’qieghed jaghmel, kif ukoll xeghel is-side lamps tal-vettura tieghu. Waqt li Clayton Cassar kien qed jahdem ghaddiet l-imputata bil-vettura taghha b’velocita’ li giet kalkulata mill-espert tekniku Mario Buttigieg[2] li kienet ta’ aktar minn 34 mil fis-siegha, hi ma ndunatx bil-prezenza ta’ Cassar u spiccat sabiex laqtitu 2.03 metru l-boghod mill-hajt. Meta Cassar intlaqat mill-vettura ta’ l-imputata huwa spicca sabiex instabat mal-vettura tieghu li kienet parkeggjata faccata ta’ fejn kien qed jaghmel ix-xoghol izda aktar l-isfel u imbaghad nizel mal-art bejn il-vettura tieghu u cint li hemm fl-inhawi. Il-vettura ta’ Grima baqghet miexja sakemm waqfet xi metri l’boghod minn fejn sehh l-impatt. Bl-impatt kemm il-vettura ta’ Charmaine Grima kif ukoll il-vettura ta’ Clayton Cassar sofrew hsarat moderati fejn il-vettura tal-imputata kellha hsarat frontali lejn ix-xellug fuq il-windscreen, bonnet u l-bumper filwaqt li l-vettura tal-parti civili kellha hsara fuq quddiem u fis-saqaf.  Mill-provi rrizulta wkoll li dakinhar tal-incident it-triq kienet xotta, it-temp kien car u l-vizibilita’ kienet tajba.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-Pulizija li marru fuq il-post u nvestigaw il-kaz [3] jirrizulta li l-imputata Charmaine Grima a tempo vergine qalet lil PS 358, illum Spettur, Malcolm Bondin, is-segwenti :-

[1] Proces Verbal relattiv inserit a fol. 23 tal-atti processwali.
[2] Rapport relattiv inserit a fol. 21 et sequitur tal-Proces Verbal.
[3] Inserit a fol. 48 sa 51 tal-Proces Verbal.

*« Kont ghaddejja minn Triq Lapsi Siggiewi, tiela lejn Lapsi u f'daqqa wahda hassejt daqqa quddiem u waqaft mal-gemb. X'hin inzilt rajt ragel mal-art u mort intih l-assistenza fejn cempilna lil msisieru u ghal ambulanza. Jien nghid li fit-triq kien hemm dlam cappa u ma rajt l-ebda dawl mixghul. Dan ir-ragel kien qed jaghmel xi xoghol fejn l-entratura tal-ghalqa. »*

Mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta li meta huma marru fuq il-post tal-incident kien hemm dlam cappa u ma kienx hemm dawl tal-Gvern. Meta xehed PS 358 Malcolm Bondin quddiem l-espert Mario Buttigieg kif ukoll meta xehed fil-proceduri odjerni waqt l-udjenza tal-10 ta' Lulju 2008 huwa kkonferma li meta wasal fuq il-post sab l-emergency light u d-dawl fil-vettura ta' Cassar mixghulin. Meta l-imputata xehdet quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali hija qalet li dakinhar tal-incident kienet telqet minn San Pawl il-Bahar ghall-habta tal-4.40am u kienet sejra d-dar, hija ghaddiet minn Lapsi Road minn fejn kienet tghaddi madwar tlett darbiet fil-gimgha, kienet wahidha u qed issuq b'velocita' ta' madwar 30 jew 40 kilometru fis-siegha. Hija qalet li kif daret mal-liwja u qabdet il-parti d-dritta tat-triq rat vettura ipparkjata u hija setghat tara din il-vettura bid-dwal tal-vettura taghha stess. Hija ssostni li ma ratx dwal mixghulin f'din il-vettura u tghid li gibdet il-barra sabiex taqbez din il-vettura u malli gibdet lejn il-lemin laqtet xi haga, hija applikat il-brakes u waqfet, halliet il-vettura fin-nofs u nizlet tara x'gara u kien f'dan l-istadju li rat guvni fejn cint. Hija regghat dahlet fil-vettura taghha u poggitha mal-gemb u sostniet li wara ftit giet vettura ohra fejn is-sewwieq hareg mill-vettura u mar jixghel id-dwal tal-vettura ta' Cassar, dan l-istess guvni cempel lil Pulizija bil-mobile phone tieghu. L-imputata ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri[4] fejn hija kkonfermat dak li kienet qalet quddiem l-espert tekniku izda precizat li t-triq fejn sehh l-incident hija dejqa u mudlama u ghalhekk hija kienet attenta hafna anki ghaliex minn dik it-triq jghaddu hafna trakkijiet. Hija qalet li rat il-vettura ta' Clayton Cassar parkeggjata man-naha tax-xellug taghha thares fid-direzzjoni li kienet gejja minnha hi u spjegat li l-

[4] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 123 sa 130 tal-atti processwali.

emergency light li kellu Cassar kien mal-art bejn il-vettura tieghu u c-cint.

Ikkunsidrat :

Illi f'dawn il-proceduri l-imputata tinsab addebitata bi tlett imputazzjonijiet fejn permezz tal-ewwel (1) imputazzjoni tinsab akkuzata li bi traskuragni, nuqqas ta' hsieb u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkagunat griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Clayton Cassar, hija tinsab ukoll akkuzata li saqet il-vettura taghha b'manjiera traskurata u perikoluza kif ukoll li saqet l-istess vettura b'velocita' qawwija. In kwantu jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni kemm fic-charge sheet kif ukoll fin-Nota ta' Rinviju tal-Avukat Generali datata 2 ta' Gunju 2009 giet indikata li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

***"(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).***
***(2) Meta min ikkommetta r-reat ikun kkaġuna l-mewt ta' iżjed minn persuna waħda jew meta flimkien mal-mewt ta' persuna jkun ikkaġuna ukoll offiża fuq il-persuna ta' xi persuna jew persuni oħra l-piena għandha tkun dik ta' priġunerija bejn ħames sa għaxar snin."***

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet finali d-Difiza tikkontendi li una volta li l-Artikolu 225 citat mill-Avukat Generali jirreferi ghal dawk l-istanzi meta persuna involontarjament tikkaguna l-mewt ta' persuna ohra, u una volta li fil-kaz de quo irrizulta li ma gietx kagunata l-mewt ta' persuna ohra izda gew kagunati griehi ta natura gravi u ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 226, liema Artikolu ma giex citat mill-Avukat Generali, ma tistghax tinstab htija abbazi tal-ewwel (1) imputazzjoni. Il-Qorti ma' taqbilx ma' dak sottomess

mid-Difiza ghaliex ghalkemm huwa minnu li l-Avukat Generali ccita biss l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, huwa ukoll minnu li r-reat kontemplat fl-Artikolu 226 huwa r-reat minuri u abbazi tal-principju ‘il piu’ comprende il-meno’ il-Qorti jidrilha li una volta li gie citat l-Artikolu 225, u cioe’ r-reat l-aktar gravi, xorta wahda tista’ tinstab htija ghar-reat minuri abbazi tal-Artikolu 226 ghalkemm dan ma giex citat espressament mill-Avukat Generali. Fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghha d-Difiza ghamlet referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[5] fejn giet annullata s-sentenza tal-Qorti tal-Prim’Istanza ghaliex meta sabet htija l-Qorti ccitat l-Artikolu 225 izda mhux l-Artikolu 226 f’dik il-parti fejn sabet htija. Fl-imsemmija sentenza l-Qorti tal-Appell applikat l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jiddisponi li f’kaz ta’ sejbien ta’ htija l-Qorti fis-sentenza ghandha ssemmi l-Artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu l-imputat ikun qed jinstab hati. Il-Qorti jidrilha li l-imsemmi Artikolu tal-ligi ma’ jistghax jigi applikat b’analogija ghall-kaz de quo ghaliex hawn si tratta tan-Nota ta’ Rinviju tal-Avukat Generali fejn huwa jindika biss l-Artikoli tal-ligi li huwa jidhirlu li taghhom tista’ tinstab htija u mbaghad sta ghal Qorti li tindika taht liema Artikolu qed issib htija u ghalkemm il-Qorti hija marbuta bl-Artikoli tal-ligi li jindika l-Avukat Generali xorta wahda tista’ ssib htijia ghar-reat minuri ghal dak indikat mill-Avukat Generali fejn dan ikun indika l-Artikolu tal-ligi ghar-reat l-aktar gravi.

Stabbilit dan il-punt irid issa jigi determinat jekk fil-kaz odjern kienx hemm nuqqas ta’ hsieb, traskuragni jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti tal-imputata li kkagunaw l-incident mertu ta’ din il-kawza. Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-atti processwali jidrilha li mill-provi rrizulta minghajr ombra ta’ dubju li n-negligenza tal-parti civili nnifsu kienet il-kawza tal-akkadut fis-sens illi l-agir negligenti tieghu wassal sabiex isehh l-incident. Dan jinghad ghaliex mill-provi irrizulta b’mod car u inekwivoku li Clayton Cassar ghazel li jaghmel ix-xoghlijiet fi triq fejn kien hemm dlam cappa u fejn ma kien hemm ebda dawl tal-Gvern. Huwa jsostni li kien xeghel id-dim lights tal-vettura tieghu kif ukoll l-emergency light izda kif ben tajjeb

[5] Pulizija vs Daniela Mercieca deciza fit-13 ta’ Mejju 2011.

irrilevat id-Difiza hemm dubju dwar kemm effettivament id-dwal tal-vettura tieghu kienu mixghulin jew almenu liema dwal kienu mixghulin ghaliex il-parti civili nnifsu jindika li kien halla d-dim lights mixghulin mentri missieru Leonard Cassar jghid li meta wasal fuq il-post sab is-side lamps tal-vettura mixghulin. L-imputata min-naha taghha ddikjarat li ma kienet rat ebda dwal fil-vettura mixghulin u li kien irnexxielha tara l-vettura ta' Cassar permezz tad-dwal tal-vettura taghha stess. Irid inoltre jigi rilevat li l-Ispettur Malcolm Bondin meta xehed qal li kien wiehed minn tal-ewwel li waslu fuq il-post u huwa indika li meta wasal tant kien hemm dlam li kellhom ihallu l-vettura taghhom fin-nofs bid-dwal mixghulin sabiex jevitaw incident iehor. Inoltre PC 546 Mario Deguara li saq il-vettura tal-Pulizija meta marru fuq il-post tal-incident qal li meta huwa kien qed isuq lejn il-post tal-incident id-dim lights tal-vettura ma kienux vizibbli u dan meta huwa kien konsapevoli li kien sehh incident u li kien hemm il-vetturi nvoluti fit-triq. Wiehed ghalhekk ragonevolment jista' jikkonkludi li jekk l-ufficjal nvestigattiv innifsu ma setghax jara dawn id-dim lights meta kien riesaq lejn il-post fejn sehh l-impatt u dan meta kien konsapevoli li kien sehh tali impatt u li kien hemm il-vetturi, wisq anqas jista' wiehed jippretendi li l-imputata setghat tara lill-vittma u l-vettura tieghu. Il-Qorti jidrilha inoltre li l-emergency light utilizzat minn Clayton Cassar kien fi kliemu stess (ara rapport tal-Pulizija) mpoggi f'posizzjoni tali li jitfa dawl fuq fejn kien qed jaghmel ix-xoghol u ma kienx affattu ntiz sabiex jallerta l-vetturi ghaddejjin fit-triq li kienu qed isiru x-xoghlijiet. Il-Qorti jidrilha li Clayton Cassar kien negligenti mmens fl-agir tieghu ghaliex ghazel li jaghmel ix-xoghlijiet fi triq dlam cappa, minghajr ma adopera dwal sufficjenti sabiex jallerta lill-utenti l-ohra tat-triq bil-presenza tieghu. Ma rrizulta minn imkien mill-provi li Clayton Cassar adopera xi forma ta' senjeletika adegwata sabiex jindika lis-sewwieqa ghaddejjin mit-triq bil-prezenza tieghu qed jaghmel ix-xoghlijiet fl-istess triq. Il-Qorti taqbel ma' dak indikat mid-Difiza u cioe' li huwa inkoncepibbli li wiehed jistenna li sewwieq jista' qatt jobsor li persuna tkun qed taghmel ix-xoghlijiet fit-triq fil-5.00am fi triq dlamm cappa u disabitata u minghajr ma tkun liebsa ilbies protettiv u li jissenjala l-prezenza taghha. Huwa ferm importanti li jigi

enfasizzat li kif ikkonferma l-espert tekniku l-Perit Arkitett Simon Saliba fir-relazzjoni tieghu Clayton Cassar kien obligat li jitlob permess specifiku mill-awtoritajiet koncernati sabiex ikun jista jpoggi r-ramel fit-triq u kien obligat ukoll jaghmel senjeletika adegwata qabel ma jaghmel l-istess xoghlijiet, u mill-provi rrizulta ampjament li huwa ma ghamel xejn minn dan. Inoltre meta wiehed iqis li mir-rapport tal-espert tekniku l-Perit Simon Saliba jirrizulta wkoll li l-wisgha tat-triq fejn sehh l-incident kienet ta’ 8.4 metri u meta wiehed iqis li din it-triq hija two way b’zewg karreggjati jaghtu ghal direzzjonijiet opposti, wiehed jista’ jiddeduci li n-nofs tat-triq tinsab 4.2 metri l-boghod mill-hajt. Mir-rapport tal-espert tekniku jirrizulta li l-ghagna tal-konkos li kien qed jahdem fuqha Clayton Cassar kienet testendi l-barra zewg metri mill-hajt u dan jindika li kienet qed timblokka kwazi kompletament il-karreggjata tal-imptatta.

Tenut kont ta’ dan kollu din il-Qorti ma tistghax ma tikkonkludiex li l-incident de quo sehh minhabba emergenza subtaneja kagunata lill-imputata bhala konsegwenza tat-traskuragni u negligenza da parti tal-parti civili Clayton Cassar li kien qed jaghmel xoghlijiet fi triq fejn kien hemm dlam cappa, fejn huwa kien qed jimblokka parzjalment il-kareggjata tal-imputata u dana minghajr ma utilizza senjeletika adegwata jew minghajr ma’ altrimenti utilizza indikazzjonijiet cari sabiex jissenjala lill-utenti tat-triq bil-presenza tieghu fit-triq qed jaghmel ix-xoghlijiet. Din l-emergenza subitanea krejata mill-parti civili kienet imprevedibbli u l-Qorti jidrilha li l-imputata ma setghat taghmel xejn aktar milli ghamlet sabiex tevita s-sinistru. Il-Qorti ma setghat issib ebda prova li tindika li l-imputata b’xi mod kienet traskurata jew negligenti fis-sewqan taghha jew li hija altrimenti naqset milli thares xi regolamenti tat-traffiku.

Ikkunsidrat:

Dwar it-tieni (2) imputazzjoni addebitata lill-imputata din il-Qorti jidrilha li mill-provi prodotti quddiemha ma rrizulta xejn li jista’ jindika li l-imputata fi kwalsiasi hin kienet qed issuq b’mod li jista’ jigi kwalifikat bhala perikoluz jew

negligenti. L-istess haga tinghad in kwantu jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni fejn l-imputata qed tigi akkuzata li kienet qed issuq b'velocita' eccessiva. Kif diga' inghad aktar il-fuq mir-rapport tal-espert tekniku Mario Buttigieg jirrizulta li l-imputata kienet qed issuq b'velocita' ta' bejn 28 u 34 mil fis-siegha li huma ekwivalenti ghal velocita' ta' madwar 45 kmph sa 54 kmph. Meta wiehed jikkunsidra li l-incident sehh il-barra sew mill-abitat fejn il-velocita' massima permessa mill-ligi hija dik ta' 80kmph, wiehed zgur ma jistghax jikkonkludi li l-imputata kienet qed issuq b'velocita' aktar milli jmissa. Isegwi li hija ma tistghax tinstab hatja la tat-tieni (2) u l-anqas tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddkjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------